It-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2019

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2019)0036

L-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-UE fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (12412/2019 – C9-0139/2019 – 2019/0186(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

(2021/C 202/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (12412/2019),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (C9-0139/2019),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0018/2019),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.